ghaddejjin minn kriżi bhal meta jkunu dehlin l-isptar, jaghmlu l-programm ta' kura mid-dipendenza tad-droga jew alkohol, kif wkoll programm korrettiv minghajr ma jkollhom lil min jista' jiehu hsieb uliedhom. Jista' jaghti l-każ li l-*fostering* ta' dawn it-tfal jibda bhala *fostering* qasir u jkompli bhala *fostering* fit-tul ghaliex il-kriżi ddum ma tghaddi.

## Fostering ghal żmien intermedjarju

Dan it-tip ta' fostering jista' jtul bejn tmien ġimghat u sentejn. L-ghan ta' dan it-tip ta' fostering hu li jghin

(a) familji jsolvu d-diffikultajiet li jkunu qed jiffaċċjaw;
(b) lill-koppji biex ikunu jistghu jahdmu fuq ir-relazzjoni diffiċli taghhom;
(c) lit-tfal li jkunu fir-riskju ta' abbuż;
(d) lit-tfal li ghandhom diffikultajiet u konflitti mal-familji taghhom.

F'dan it-tip ta' fostering, il-foster carers ma jiehdux rwol ta' subsitute parents ghaliex it-tifel jew tifla ghandhom il-ġenituri taghhom. Il-foster carers ikunu mistennija li joffru sapport u mhabba li jghinu lit-tifel jew tifla jkomplu jiżviluppaw u jitghallmu.

## Fostering ghal tul ta' żmien jew permanenti



Dan it-tip ta' *fostering* jista' jtul sakemm it-tfal ikollhom tmintax-il sena jew aktar. F'dan it-tip ta' *fostering*, il-*foster carers* ikunu qeghdin jiehdu rwol ta' *substitute parents* ghalkemm il-kuntatti mal-familji tat-tfal jibqghu ghaddejjin regolarment. F'każ li mill-bidu s-*social worker* ikun jaf li t-tip ta' *fostering* mehtieġ ghal tifel jew tifla se jkun wiehed fit-tul jew permanenti minhabba ċ-ċirkustanzi tal-familja, ikun ahjar, ghall-interess tat-tfal, speċjalment jekk ikunu ghadhom trabi jew ċkejknin, li il-fostering jiżviluppa f'adozzjoni.

## Fostering fil-familja jew privat

Dan it-tip ta' *fostering* isir meta familja jew xebba tkun ghaddejja min kriżi u ssaqsi ghal ghajnuna fit-trobbija tat-tfal min ghand il-familjari jew xi persuni hbieb tal-familja. Dan l-arranġament issir fuq bażi bonarja jew bi hlas min naha tal-ġenituri tat-tfal. Huwa mportanti li każijiet bhal dawn jiġu infurmati s-*social workers* tal-*fostering team* halli jekk ikun hemm bżonn ta' *assessment*, *monitoring*, *training*, jew investigazzjoni dwar il-persuni li ser jghamlu il-*fostering*, dan isehh.

## X'sapport hemm provdut ?

- *Social worker* ghall-*Foster family*;
- Tahriġ kontinwu;
- *Child in Care Benfit*;
- *Social worker* ghat-tfal;
- Servizzi ghat-tfal li qed jiġu *Fostered*: fosthom eżami mediku, *counselling*, jew terapija ohra li tkun mehtieġ;
- *Support Groups*;
- Kotba, *videos* u materjal dwar il-*Fostering*.

## Ghandna tfal li qed jistennew 'foster family' ?

Iva, hemm trabi, tfal żghar u ankè adoloxxenti. Bhalissa hafna minnhom qeghdin fl-istituzzjonijiet jew ġewwa djarhom fil-periklu.

## Kif tista' taghmel użu minn dan is-servizz?

Jekk jinteressak li tkun *foster carer* ċemplilna minnufih fuq in-numru 252461 u staqsi ghas-*Service Area Leader*.

Hininjet: Xitwa: 8.00a.m. - 5.20p.m. /Sajf: 8.00a.m. - 2.00p.m.

L-ufficju taghna jinsab:15, Villa Rossetta, Triq il-Barrieri, Msida


APPOĠĠ
*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunità*

*70, Capuchins Str., Floriana VLT 14 Malta.*
*Tel: (356) 222066, 222076 Fax: (356) 222049*


# APPOĠĠ

*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunità*







# *Servizz ta' Foster Care*

## X'inhu is-Servizz tal-Fostering?

- Servizz ippjanat fejn familja taqsam it-trobbija ta' tfal li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom.
- Servizz ta' għajnuna minn familja għal familja oħra.

## X'inhu l-għan tal-Fostering?

- Dan is-servizz jagħti esperjenza ta' familja, lil tfal li ma jkunux jistgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom.
- Servizz li jgħin tfal u l-familji tagħhom jingħaqdu lura flimkien (dejjem jekk ikun fl-interess tat-tfal li dawn imorru lura).

## Min jista' jagħmel il-'Fostering'?

- Nies minn kull strata tas-soċjeta, anki minn kulturi differenti.
- Koppji miżżewġa speċjalment dawk li għandhom it-tfal.
- Persuni waħedhom (għal każijiet partikolari).

## X'inhuma il- kwalitajiet ta' Foster Carer?

- Juru nteress u mħabba ġenwina biex jgħinu tfal jingħaqdu lura mal-familja naturali tagħhom.
- Li jkunu jafu jiddjalogaw u jifhmu l-kriżijiet li jgħaddu minnhom il-familji naturali ta' dawn it-tfal.
- Li lesti jaċċettaw l-isfida li jgħinu fit-trobbija ta' tfal ta' nies oħra.
- Li jkunu nies onesti.
- Li għandhom abilitajiet biex jaħdmu mat-tfal li jkunu għaddew minn trawma fil-ħajja tagħhom.

## X'inhu x-xogħol ta' dawn il-'Foster Carers'?

- Ikunu ta' eżempju u ta' mudell permezz tal-preżenza, imġieba, u l-kliem tagħhom.
- Ikunu parti minn *team* professjonali sabiex flimkien jagħmlu pjan għal kull tifel jew tifla li tkun qed tgħix magħhom.
- Isiru avukati għad-drittijiet tat-tfal.

## Għalfejn hawn il-bżonn ta' 'Foster Families'?

Illum hawn bżonn ta' 'Foster Families' minħabba d-diffikultajiet li ċertu familji u it-tfal tagħhom jkunu għaddejjin minnhom fosthom:

- Kriżijiet fil-familji;
- Inabiltà tal-ġenituri biex irabbu lill-uliedhom;
- Abbuż tat-tfal;
- Konflitti bejn il-ġenituri jew infedeltà fiż-żwieġ;
- Imġieba problematika tat-tfal;
- Mard fil-familja - mentali jew fiżiku;
- Mewt tal-ġenituri;
- Faqar u nuqqas ta' edukazzjoni;
- Droga, Alkohol, Kriminalita, eċċ;
- Djar inabitabbli.

## Profil tat-tfal fil -bżonn ta' 'foster families'

- Eta 0-18 sena.
- Trabi, tfal żgħar u adoloxxenti.
- Ġejjin minn kull tip ta' strata fis-soċjetà, razez, kulturi u lingwi differenti
- Tfal bi bżonnijiet speċjali.

## Kif issir 'Foster Carer'?

- L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel huwa li ċċemplilna fuq in-numru 252461.
- Issir *Home Visit*.
- Tingħata taħriġ inizjali.

## X'inhuma id-dokumenti li għandek bżonn?

- *Home study report* magħmul minn *social worker*.
- Rapport Mediku.
- Rapport tal-Pulizija.
- 2 Riferenzi.
- Approvazzjoni minn *Fostering Panel*.

## Tipi differenti ta' 'Fostering'

### Fostering ta' serħan (Respite)

Dan it-tip ta' *fostering* joffri break qasir kemm (a) lill-ġenituri fi kriżi kif wkoll dawk li jkunu għaddejjin minn żmien ta' stress u jeħtieġu serħan qasir mir-responsabbiltà tat- trobbija tat-tfal, kif ukoll (b) lit-tfal li jeħtieġu żmien ta' serħan 'l bogħod mill-familja tagħhom. Dan it-tip ta' fostering jista' jkun għal xi *weekend* 'l hawn u 'l hemm jew għal xi ġimgħa u jintuża' l-aktar biex jakkomoda tfal bi ħtiġijiet speċjali, b'diżabilità fiżika, jew tfal li għandhom konflitti kontinwi mal-familja tagħhom.

### Fostering ta' emerġenza

Il-ħtieġa għal dan it-tip ta' *fostering* jista' jinqala' matul il-lejl meta l-Pulizija u *Social Workers* ikunu ġew mgħarrfa b'tifel jew tifla li (a) qed tiġġerra barra mingħajr post fejn toqgħod, jew (b) li tkun fil-periklu ta' abbuż. *Foster Carers* li joffru dan it-tip ta' *fostering* huma mistennija li jilqgħu f'darhom minnufih għal ftit jiem xi tifel jew tifla skond il-ħtieġa li tinqala'.



### Fostering għal żmien qasir

It-tul ta' żmien ta' dan it-tip ta' *fostering* jista' jkun sa tnax-il ġimgħa. Huwa servizz li jista' jingħata lil tfal ta' kull tip u età. Ġieli jintuża' bħala servizz ta' *pre-adoption babies*, jew għal xi ġenituri li